MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2014

Numru. 1134/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**
**(Spettur Jason F. Sultana)**

**vs.**

**Chantal Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Chantal Xuereb**, bint Cornelius u Antoinette neé Zammit imwielda Pietà fit-23 ta' Awwissu 1978, residenti 11, St Joseph, Triq Leone, Sliema, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 460378(M), akkuzata talli nhar it-30 ta' Gunju 2012 ghall-habta ta' 16:15hrs waqt li kienet gewwa Triq Rodolfu, Sliema:

1. hebbet kontra l-persuna ta' zewgha David Xuereb sabiex tingurjah, iddejqu jew sabiex taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

2. volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, jigifieri nuccali tax-xemx ghad-dannu ta' David Xuereb.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u dan ghas-sigurta' ta' David Xuereb.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile.*

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 37) datata 19 ta' Lulju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

a. fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c.fl-Artikoli 17, 31 u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 38), il-Qorti giet nfurmata mill-*parte civile* li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Rat illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 39), il-Qorti ddikjarat il-provi tal-Prosekuzzjoni bhala maghluqa.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 43), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-19 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 37), f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ma ressqet ebda provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali (*a fol.* 50 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti kif preseduta giet assenjata l-kawza fl-ismijiet fuq premessi, il-kawza kienet assenjata quddiem Qorti ohra diversament preseduta li fid-29 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 8) tali Qorti diversament presduta, wara li semghet lill-parti leza jixhed bil-gurament fejn huwa ddikjara li l-hsara li sofra kienet ta' madwar € 175, u wara li rat li wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata taqa' taht Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema piena ggib maghha massimu ta' sena prigunerija, iddikjarat li tali imputazzjoni tezorbita l-kompetenza ordinarja ta' dik il-Qorti u b'hekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza u baghtet l-atti lir-Registratur tal-Qorti sabiex tkun tista' tinbeda kumpilazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fl-affidavit tieghu, **PS 455 Emanuel Sammut** (*a fol.* 2 *et seq.*) qal li dakinhar tat-30 ta' Gunju 2012 ghall-habta tas-18.02 waqt li kien l-Ghassa kien mar il-parti leza u rapporta li ghall-habta tal-16.15hrs martu l-imputata kienet hebbet ghalih minghajr ma darbitu u kienet kisritlu n-nuccali tax-xemx.

Illi l-atti processwali jikkontjenu r-rapport redatt minn **PS 455 Emanuel Sammut** (*a fol.* 3 *et seq.*) minn fejn jirrizulta li l-parti leza rraporta li meta fit-30 ta' Gunju 2012 mar ghall-access tat-tfal tieghu, waqt li hu kien ghadu barra mill-vettura qal kliem lill-imputata martu fis-sens li kellha tiehu t-tifla Samantha Jo ghand it-tabib. Fir-rapport hemm imsemmi illi l-parti leza kompla jghid li waqt li kien ser jidhol fil-vettura, l-imputata marret hdejh, haditlu n-nuccali tax-xemx, u tefghatu fil-vettura tieghu magenb it-tifel taghhom. Il-parti leza jkompli jghid li l-imputata ppruvat tiehu c-cwievet tal-vettura tieghu u hekk kif hu ra hekk, saq. Il-parti leza qal li n-nuccali tax-xemx tieghu ma setghax jintlibes aktar minhabba l-hsara li saret fih.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, xehed il-parti leza **David Xuereb** (*a fol.* 16 *et seq.*) fejn qal li fit-30 ta' Gunju 2012 kien jahbat is-Sibt u ghall-4.00pm mar biex jigbor it-tfal kif kienet qaltlu l-mara tieghu (l-imputata). Jghid li mar ghat-tfal li kienu qed jistennewh fuq it-*terrace* tal-Imperial Hotel. Jispjega li hekk kif it-tfal il-bniet rawh, nizlu jigru u ghanquh u dahlu fil-vettura fuq wara. Jghid li t-tifel nizel bil-mod u dahal fuq quddiem tal-vettura. Jispjega li kien diga baghat zewg ittri lill-imputata biex tiehu t-tifla l-iSptar u baqa' minghajr risposta. Jghid li lill-imputata qalilha li issa hu stess u mhux l-avukat kien qed jghidilha biex jiehdu t-tifla l-iSptar halli jaraw x'ghandha. Jghid: *"gibditli xahri, haditli n-nuccali, qasmituli u tefghatu fuq it-tifel quddiem fil-karrozza u pruvat tohodli c-cavetta"* (*a*

*fol.* 17). Jghid li hu saq u wara li ghamel l-access tat-tfal, mar l-Ghassa tal-Pulizija u ghamel rapport. Jghid li l-imputata offenditu wkoll billi qaltlu l-kliem: *"mur hudu f'ghoxx kemm ghandek"*(*a fol.* 17). Ezebixxa stima tan-nuccali li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "DX 1" (*a fol.* 19).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 44 *et seq.*), jghid li n-nuccali li kissritlu l-imputata kien tad-ditta Ray Ban. Jghid li dan in-nuccali ramieh. Mistoqsi jghid meta rema dan in-nuccali, jghid li xi jumejn wara pero jghid li ma jiftakarx ezatt. Jghid li l-istima saret fil-5 ta' Frar 2013. Mistoqsi jghid kif jista' jkun ghamel stima fuq in-nuccali meta ramieh, iwiegeb ghax qal lill-persuna li ghamillu l-istima x'nuccali kien bejn wiehed u iehor u dan ghamillu stima. Jghid li n-nuccali kien xtrah hu u mistoqsi jghid meta xtrah jghid xi sentejn jew tlieta qabel. Jghid li mar jaghmel ir-rapport fit-30 ta' Gunju 2012. Jghid li martu l-imputata haditlu n-nuccali u qasmitu u tefghetu fuq it-tifel.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jason F. Sultana** (*a fol.* 20 *et seq.*) fejn ikkonferma li li l-okkorrenza giet mhejjija minn PS 455 tinsab ezebita (*a fol.* 3). Ezebixxa wkoll il-fedina penali tal-imputata (li giet immarkata bhala Dok. "JS 1" – *a fol.* 22 *et seq.*) u kif ukoll sitt sentenzi (li gew immarkati bhala Dok. "JS 2" sa "JS 7" – *a fol.* 24 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet, liema imputazzjonijiet jinsabu riflessi fl-Artikoli ndikati fin-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 19 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 37).

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-imputata tinsab akkuzata li hebbet ghal parti leza sabiex tingurjah, iddejqu jew sabiex taghmillu hsara.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Pace** moghtija fid-9 ta' Mejju 1997 il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li l-kontravenzjoni naxxenti mill-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti qalet ukoll is-segwenti:

> "Biex persuna thebb kontra persuna ohra, m'hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm l-potenzjalita' ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik l-persuna l-ohra".

Illi l-Qorti tinnota li forsi t-*test* Ingliz ta' din il-kontravenzjoni jiddeskrivi ahjar l-kuncett ta' hebb meta jghid:

> "*Attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others ...".*

Illi l-Qorti tinnota wkoll li huwa biss il-parti leza li xehed dwar l-allegat hebb da parte tal-imputata. Apparti l-fatt li meta l-parti leza xehed quddiem il-Qorti huwa qal li l-imputata haditlu n-nuccali tax-xemx u ghamlitlu hsara fih, huwa xehed ukoll li l-imputata gibditlu xahru (*a fol.* 17). Fir-rapport (*a fol.* 3 *et seq.*) redatt minn PS 455 Emanuel Sammut ma jirrizulta minn imkien li l-parti leza rraporta li l-imputata kienet gibditlu xaghru. Bhala parentezi jinghad ukoll li dan ma jirrizultax anqas fl-affidavit ta' PS 455 Emanuel Sammut (*a fol.* 2). Apparti dan, tenut kont ta' dak li nghad fid-decizjoni kwotata hawn fuq, il-Qorti tinnota li mill-provi kif prodotti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li effettivament l-imputata hebbet ghal parti leza dakinhar tat-30 ta' Gunju 2012. Dan ma jirrizultax mill-atti processwali. Ghaldaqstant, l-imputata ser tigi liberata mill-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**

**<u>(Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi l-imputata qed tigi akkuzat ukoll talli ghamlet f'hsara fin-nuccali tax-xemx tal-parti leza. Fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali jikkwota Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema subartikolu jaghmel riferenza ghall-hsara li ma tkunx tiskorri l-€ 1,164.69 pero tkun aktar minn € 116.47. Il-parti leza jallega li martu l-imputata haditlu n-nuccali tax-xemx, qasmitu u tefghetu fuq it-tifel (*a fol.* 17). Fir-rapport (*a fol.* 3 *et seq.*) redatt minn PS 455 Emanuel Sammut minn imkien ma jirrizulta li l-parti leza rraporta li l-imputata qasmet in-nuccali tax-xemx. Fir-rapport jirrizulta hekk: *"Mr. Xuereb stated as he was going to enter into car, Chantel approached him, took his sunglasses and threw it in his car next to their son"* (*a fol.* 5). Apparti minn hekk, fl-affidavit ta' PS 455 Emanuel Sammut (*a fol.* 2) jinghad li l-parti leza kien irraporta li l-imputata kienet kisritlu n-nuccali tax-xemx. Il-parti leza ezebixxa stima tan-nuccali tax-xemx li giet immarkata bhala Dok. "DX 1" (*a fol.* 19).

Illi l-Qorti tinnota li apparti li m'ghandhiex provi sufficjenti ghal biex issib lill-imputata hatja li effettivament ghamlet hsara fin-nuccali tax-xemx tal-parti leza, hija tinnota wkoll is-segwenti:

- in-nuccali tax-xemx ma giex ezebit f'dawn il-proceduri;
- il-parti leza jghid li rema n-nuccali tax-xemx xi jumejn wara l-allegat incident pero jghid li ma jiftakarx ezatt;
- in kontro-ezami (*a fol.* 44 *et seq.*) il-parti leza jghid li n-nuccali tax-xemx li kissritlu l-imputata kien tad-ditta Ray Ban;
- l-istima (Dok. "DX 1" – *a fol.* 19) li ezebixxa l-parti leza hija stima ta' nuccali tad-ditta Emporio Armani;
- l-allegat incident gara fit-30 ta' Gunju 2012 u l-istima saret fil-5 ta' Frar 2013;
- il-parti leza jghid li l-istima saret billi hu qal lill-persuna li ghamillu l-istima x'nuccali kien bejn wiehed u iehor u dan ghamillu stima;
- il-persuna li rrilaxxa l-istima ma kkonfermax bil-gurament l-istima rilaxxata minnu.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, mhux talli ma jirrizultax sodisfacentement pruvat xi hsara l-imputata allegatament ghamlet fin-nuccali tax-xemx tal-parti leza talli anqas jirrizulta li hija ghamlitu xi hsara fin-nuccali tax-xemx in kwistjoni!

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tigi liberata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputata Chantal Xuereb hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u b'hekk tilliberaha minnhom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------